Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 85/2013/1AE

**Alu-Finish Limited u Raymond Borg**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud)**

L-Erbgha, 27 ta' April 2016.

Ir-rikorrenti (illum appellanti) appellaw minn sentenza tat-Tribunal tar-Revizjoni Amministrattiva tat-8 ta' Ottubru 2013 li laqa' l-eccezzjoni preliminari tal-intimat (illum appellat) u ddikjara li ma kellux il-kompetenza biex jiehu konjizzjoni tar-rikors li pprezentaw fit-13 ta' Marzu 2013. Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"Il-fatt li fil-kaz in ezami r-Rikorrenti jikkontendu li huma qatt ma gew notifikati bl-Avviz mahrug mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fit-2 ta' Awwissu 2011 u b'hekk jikkontestaw l-ezistenza tat-titolu ezekuttiv vantat mid-Direttur Generali fil-konfront taghhom, ma jbiddel assolutament xejn mill-kwistjoni. Ladarba d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jikkontendi li ghandu titolu ezekuttiv u qed jadixxi lill-Qorti kompetenti ta' kompetenza civili, fil-kaz in ezami l-Prim' Awla tal-Qorti Civili, biex jesegwixxi tali titolu fil-konfront tar-Rikorrenti, a tenur ta' dak provdut fl-imsemmi Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik il-Qorti li hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' kwistjonijiet relattivi ghal dak it-titolu, inkluzi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-ezistenza ta' l-istess titolu."*

Fir-rikors promotur l-appellanti ppremettew li:-

i. Skond ittra ufficjali numru 3414/2012, l-intimat iddikjara li kien baghat lir-rikorrenti avviz biex ihallsu s-somma ta' €211,964.17, liema avviz isostni li huwa titolu ezekuttiv.
ii. M'humiex jaghtu ruhhom notifikati bl-ittra ufficjali.
iii. Qatt ma rcevew l-allegat avviz ghall-hlas.
iv. L-ammont li jissemma fl-ittra ufficjali m'huwiex dovut. L-intimat mexa b'mod arbitrarju meta mpona taxxa li tammonta ghal din is-somma.

Ir-rikorrenti talbu li t-Tribunal:-

*"….. jiddikjara li l-imposizzjoni da parti tad-Direttur Generali intimat ta' taxxa ammontanti ghas-somma ta' mitejn u hdax-il elf disa' mija u erbgha u sitting ewro u sbatax-il centezmu (€211,964.17) fuq l-esponenti skond l-Att XXIII tal-1998 hija nfondata u nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi fil-konfront tal-esponenti u li ghalhekk daqstant infondat u null huwa l-precitat avviz ghall-hlas tal-istess li allegatament gie spedit mid-Direttur Generali intimat fit-2 ta' Awissu 2011 u li ghalhekk ukoll il-precitat aviz ghall-hlas li d-Direttur Generali qieghed jallega*

*jikkostitwixxi titolu ezekuttiv favur tieghu u fil-konfront tal-intimati ma jistax jigi ezegwit kontra l-esponenti."*

## Fatti

L-uniku fatt cert hu li fit-2 ta' Novembru 2012, l-appellat ipprezenta ittra ufficjali kontra l-appellanti li permezz taghha nterpellahom ihallsu s-somma ta' €211,964.17 ammont li jsostni li hu dovut skond l-Att XXIII tal-1998. Fl-istess ittra jinghad li giet prezentata sabiex tirrendi ezegwibbli l-avviz ghall-hlas tat-2 ta' Awissu 2011, li skond l-appellat hu titolu ezekuttiv.

Din hi l-unika prova li tressqet quddiem it-Tribunal. Minkejja li t-Tribunal iddecieda biss l-eccezzjoni preliminari, il-qorti kienet tippretendi li xi hadd mill-partijiet jipprezenta dokumenti bhal per ezempju l-avviz li jissemma fl-Artikolu 59(1) u n-nota ta' talba ghall-hlas li jissemma fl-Artikolu 59(2) tal-Kap. 406.

## Konsiderazzjoni.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:-

1. Skond id-Disa' Skeda tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406):-

   *"1. (1) It-Tribunal huwa kompetenti li jisma' kull appell kontra stima u li jikkonferma, inaqqas jew izid kull valur taxxabbli jew kreditu jew taxxa kkalkolata mill-Kummissarju, jew jikkancella l-istima jew jaghmel kull tip ta' dikjarazzjoni jew ordni ohra kif hu iqis xieraq*[1]*.*

   *(2) It-Tribunal huwa kompetenti li jiddetermina kull haga mibghuta lilu skont l-artikolu 44"*[2]

   Huma biss kwistjonijiet dwar materji li jissemmew fl-Artikolu 43 u 44 tal-Kap. 406 li jaqghu fil-kompetenza tat-Tribunal.

2. Il-qorti qeghda tifhem li l-pretensjoni tal-appellat bdiet minn stima li ghamel fil-konfront tas-socjeta appellanti. Fil-fatt fit-twegiba li pprezenta quddiem it-Tribunal qal: *"…. l-likwidazzjoni attakkata hija ggusitifikata ai termini tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta."* M'huwiex car jekk din saret ghaliex ma ntbaghatitx denunzja ta' taxxa jew ghaliex intbaghatet denunzja ta' taxxa li l-appellat ma qabilx maghha. Wara jidher li nhareg l-avviz kontemplat fl-Artikolu 59 tal-Kap. 406 u li fl-ittra ufficjali jinghad li ntbaghat fit-2 ta' Awissu 2011, ghalkemm ma giex prezentat u lanqas m'hemm prova li giet notifikat lill-appellanti. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li skond il-ligi:

---

[1] *"Kull persuna li thoss ruhha aggravata bi stima li tigi notifikata lilha tista' taghmel appell kontra di l-istima lit-Tribunal."*

[2] Telenka kwistjonijiet ohra li dwarhom jista' jiddeciedi t-Tribunal u li m'ghandhomx x'jaqsmu ma' stima.

i. Fl-ewwel lok tinhareg l-istima, li tigi notifikata lit-taxpayer li mbaghad ikollu tletin (30) gurnata min-notifika tal-avviz sabiex jappella quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva;
ii. Fit-tieni lok hu biss fejn l-istima ma tigix kontestata fit-terminu kontemplat mil-ligi jew wara d-decizjoni tat-Tribunal, li l-avviz hu titolu ezekuttiv. L-Artikolu 59(1) jipprovdi li l-avviz mahrug mill-appellat hu titolu ezekuttiv.
iii. Fit-tielet lok fejn il-hlas jibqa' ma jsirx, l-appellant jista' jitlob il-hlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva permezz ta' **nota ta' talba ghall-hlas**, u l-hlas ghandu jsir fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika lill-persuna li ghandha thallas (Artikolu 59(2)).
iv. Fir-raba' lok jekk il-hlas jibqa' ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika tan-nota ta' talba ghall-hlas, allura l-appellat jista' jghaddi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv wara li jkunu ghaddew jumejn min-notifika ta' att gudizzjarju lill-persuna kkoncernata fejn jitlobha thallas (Artikolu 59(2)).

3. Ladarba l-appellat ipprezenta l-ittra ufficjali hu evidenti li qieghed jippretendi li ghandu titolu ezekuttiv. Min-naha taghhom l-appellanti qeghdin isostnu li l-appellat m'ghandux titolu ezekuttiv. Tant hu hekk li fir-rikors tal-appell qalu li l-appellat baghat avviz ghall-hlas *"....bil-ghan li tali avviz ikun jikkostitwixxi titolu ezekuttiv.... huma jiddikjaraw li qatt ma rcevew l-allegat avviz ghall-hlas li allegatament gie spedit mid-Direttur Generali intimat fit-2 ta' Awissu 2011."* Fl-eventwalita' li kellu jirrizulta li **titolu ezekuttiv**:-

   i. **ma jezistix**, allura l-appellat ma jistax jitlob il-hrug ta' atti ezekuttivi. Ikun ukoll ifisser li l-istima tal-Kummissarju ma gietx notifikata lill-appellanti u ghaldaqstant ikun ghadu ma bediex jiddekorri t-terminu kontemplat fid-Disa' Skeda tal-Kap. 406 sabiex l-appellanti jappellew quddiem it-Tribunal mill-istima tal-appell. Ghalhekk appell mill-istima jkun intempestiv.

   ii. **jezisti**, allura ma jkunx jista' jsir appell mill-istima tal-appellant.

4. Materja dwar jekk jezistix jew le titolu ezekuttiv ma tidhirx li taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal. Din il-kwistjoni m'ghandha x'taqsam xejn ma' appell kontra stima (Artikolu 43). L-appellanti ghamlu wkoll riferenza ghall-paragrafu (b) tal-Artikolu 44 li jipprovdi li kwistjoni li tista' tigi riferuta lill-appell tinkludi kwistjoni dwar *"(b) kull taxxa li ghandha tithallas fuq provvista jew akkwist hlief ghal taxxa stmata fi stima u kull tnaqqis li jista' jintalab lura kontra dik it-taxxa".* Materja li wkoll m'ghandha x'taqsam xejn mal-kwistjoni dwar jekk l-appellat ghandux titolu ezekuttiv kontra l-appellat. It-Tribunal ghandu ragun li dak il-paragrafu *"... jirreferi ghal kwistonijiet bejn it-tax payer u d-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) dwar l-imposizzjoni o meno ta' taxxa fir-*

*rigward ta' transazzjonijiet partikolari u dwar it-tnaqqis li jista' jkun hemm kontra dik it-taxxa….."* u m'ghandu x'jaqsam xejn mat-titolu ezekuttiv kontemplat fl-Artikolu 59 tal-Kap. 406 u l-procedura li l-appellat ghandu jsegwi fl-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv.

5. Fir-rikors tal-appell taghhom, l-appellanti qalu li *"ma hemm l-ebda forum iehor hemm indikat fejn jista' jigi attakkat il-validita' o meno tad-dikjarazzjoni minnu maghmula a tenur tal-precitat artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta u di piu' ma hemm l-ebda procedura ohra hemm definit li permezz taghha l-esponenti jkunu jistghu jadixxu xi Tribunal jew Qorti bil-ghan illi jigi sindikat il-validita' o meno tad-dikjarazzjoni precitata ossia l-allegat titolu ezekuttiv li ghandu d-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud)."* Il-qorti ma taqbilx ma' din il-fehma. F'kull kaz it-Tribunal ghandu l-kompetenza li jisma' u jiddeciedi biss dawk il-materji li jissemmew fl-Artikolu 43 u 44 tal-Kap. 406 (ara wkoll id-Disa' Skeda tal-istess Att), u xejn iktar. L-ilment tal-appellanti m'huwiex wiehed mill-materji kontemplati fl-imsemmija provvedimenti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

Anthony Ellul.